## Qsim tal-fruntieri

Fil-bidu tal-ewwel waqfa tiegħek, irreġistra manwalment is-simbolu tal-pajjiż li tkun se tidħol wara li tkun qsamt il-fruntiera ta' Stat Membru tal-UE.

Din l-ewwel waqfa trid tkun fl-eqreb post ta' waqfien possibbli fil-fruntiera jew wara.

Jekk taqsam il-fruntiera ta' Stat Membru tal-UE permezz ta' lanċa jew ferrovija, allura trid iddaħħal is-simbolu tal-pajjiż fil-port jew fl-istazzjon tal-wasla.

## Post tal-bidu/tat-tmiem ta' kuljum

Inti meħtieġ/a tirreġistra s-simbolu tal-pajjiżi li fihom beda u temm il-perjodu ta' ħidma ta' kuljum.

## L-użu tal-iswiċċ tal-modalità

Jekk ir-regolament dwar is-sigħat tas-sewwieqa għall-vetturi tal-merkanzija jew tal-passiġġieri japplika għalik, allura trid topera t-takografu b'mod korrett biex tirreġistra l-attivitajiet kollha.

### Trasport tal-passiġġieri tapplika r-*"regola ta' 12-il jum"*.

**F'ċerti ċirkostanzi, il-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jista' jiġi pospost sa tmiem it-12-il jum għas-sewwieqa fi vjaġġ internazzjonali wieħed.**

**Jekk il-vettura tkun mgħammra b'takografu analogu, din l-eċċezzjoni ma tapplikax.**

**Il-mistrieħ għandu jittieħed kif ġej:**

- **mill-inqas 45 siegħa qabel il-vjaġġ;**
- **mill-inqas perjodu wieħed ta' mistrieħ regolari u wieħed imnaqqas fil-ġimgħa wara xulxin (69 siegħa), jew żewġ perjodi regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa (45 siegħa + 45 siegħa), wara l-vjaġġ.**

**Jekk tieħu l-perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa, it-tnaqqis irid jiġi kkumpensat b'perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ meħud en bloc meħmuż ma' perjodu ieħor ta' mistrieħ qabel it-tmiem tat-tielet ġimgħa, wara t-tmiem tal-perjodu tad-deroga.**

**Vetturi b'sewwieq wieħed: jekk issuq bejn l-22.00 u s-6.00, tista' biss issuq għal massimu ta' tliet sigħat mingħajr ma tieħu pawża.**



ELA
AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

**Awtorità Ewropea tax-Xogħol**
Landererova 12, 811 09
Bratislava - is-Slovakkja
info@ela.europa.eu

**www.ela.europa.eu**

Sir af aktar fuq
Your Europe Portal

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2022

La l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-ELA ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-ELA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Drittijiet tal-awtur tal-immaġnijiet: © iStock.com/Hilch

il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

Print ISBN 978-92-9464-278-3 doi:10.2883/837986 HP-08-22-101-MT-C

PDF ISBN 978-92-9464-269-1 doi:10.2883/611723 HP-08-22-101-MT-N

HP-08-22-101-MT-C

Awtorità Ewropea tax-Xogħol

# Regoli dwar il-Ħin tas-Sewqan u tal-Mistrieħ



ELA
AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

2022.1924_MT.indd 1-3 11/8/22 11:51



# Regoli dwar il-ħin tal-mistrieħ

## Perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum

Perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum ikun ta' mill-inqas 11-il siegħa.

Tista' taqsmu f'żewġ perjodi:

1. perjodu wieħed mingħajr interruzzjoni ta' mill-inqas tliet sigħat; u
2. perjodu wieħed mingħajr interruzzjoni ta' mill-inqas disa' sigħat.

## Perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum

Inqas minn 11-il siegħa iżda mill-inqas disa' sigħat. Massimu ta' tliet perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kuljum jistgħu jittieħdu bejn kwalunkwe żewġ perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

Jeħtieġ li tkun għamilt perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum fi żmien 24 siegħawara tmiem il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum jew fil-ġimgħa preċedenti.

Perjodu ġdid ta' 24 siegħa jibda meta terġa' tibda taħdem wara perjodu kwalifikanti ta' mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa.

## Il-mistrieħ ta' kuljum fil-każ ta' vettura b'aktar minn sewwieq wieħed

Fi żmien 30 siegħa minn tmiem il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, trid tkun ħadt perjodu ta' mistrieħ ġdid ta' kuljum ta' mill-inqas disa' sigħat jekk tkun f'vettura b'aktar minn sewwieq wieħed.

Dan japplika għal kull sewwieq.

## Mistrieħ fil-ġimgħa

Perjodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa jkun ta' mill-inqas 45 siegħa. Perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa jkun ta' mill-inqas 24 siegħa iżda ta' inqas minn 45 siegħa.

Il-mistrieħ ta' kull ġimgħa jrid jibda mhux aktar tard minn 144 siegħa (6 x 24 siegħa) wara l-perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa preċedenti.

F'ġimagħtejn konsekuttivi fissi (mit-Tnejn sal-Ħadd) trid tieħu mill-inqas:

- żewġ perjodi regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa (minimu ta' 45 siegħa kull wieħed); jew
- perjodu ta' mistrieħ regolari fil-ġimgħa (minimu ta' 45 siegħa) u perjodu wieħed imnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa (minimu ta' 24 siegħa).

Jekk tieħu l-perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa it-tnaqqis irid jiġi kkumpensat billi tieħu perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ en bloc flimkien ma' perjodu ieħor ta' mistrieħ ta' mill-inqas disa' sigħat qabel tmiem it-tielet ġimgħa, wara l-ġimgħa meta jkun seħħ it-tnaqqis.

# Regoli dwar il-ħin tas-sewqan

## Ħin tas-sewqan ta' kuljum

Massimu ta' disa' sigħat. Tista' taqbeż id-disa' sigħat, iżda mhux aktar minn darbtejn fil-ġimgħa u mbagħad sa massimu ta' għaxar sigħat.

## Sewqan kull ġimgħa/kull ġimagħtejn

Massimu ta' 56 siegħa f'ġimgħa waħda. Mhux aktar minn 90 siegħa fuq ġimagħtejn.

## Pawża

Wara li ssuq għal erba' sigħat u nofs, trid tieħu pawża ta' mill-inqas 45 minuta (sakemm ma tiħux perjodu ta' mistrieħ).

Pawża tista' tinqasam f'żewġ partijiet u trid tittieħed matul il-perjodu tas-sewqan ta' erba' sigħat u nofs. Il-pawża tista' tinqasam kif ġej:

1. mill-inqas 15-il minuta, għall-ewwel parti; u
2. mill-inqas 30 minuta, għat-tieni.



# Aktar regoli ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa introdotti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà fl-20 ta' Awwissu 2020



## Ma tistax tieħu l-mistrieħ regolari tiegħek ta' kull ġimgħa fil-vettura

- L-impjegatur tiegħek irid iħallas għal akkomodazzjoni xierqa b'faċilitajiet adegwati tal-irqad u sanitarji fejn tista' tistrieħ.
- L-impjegatur tiegħek irid jippermettilek tirritorna, f'kull perjodu ta' tliet jew erba' ġimgħat konsekuttivi (skont jekk kellekx żewġ perjodi konsekuttivi mnaqqsa ta' mistrieħ kull ġimgħa), għal wieħed miż-żewġ postijiet li ġejjin biex tieħu l-mistrieħ regolari tiegħek ta' kull ġimgħa:
  1. Iċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur tiegħek fl-Istat Membru tal-UE tal-istabbiliment fejn normalment tkun ibbażata; jew
  2. Il-post tar-residenza tiegħek meta dan ikun differenti mill-post tal-istabbiliment tal-impjegatur tiegħek.

## Jekk inti sewwieq li jaħdem fuq operazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija:

- Tista' tieħu żewġ perjodi ta' mistrieħ imnaqqsa konsekuttivi ta' kull ġimgħa barra mill-pajjiż, sakemm fl-erba' ġimgħat konsekuttivi tieħu mill-inqas erba' perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa;
- Mill-inqas tnejn minn dawk il-perjodi ta' mistrieħ iridu jkunu perjodi regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa;
- Wara żewġ perjodi ta' mistrieħ imnaqqsa konsekuttivi ta' kull ġimgħa l-impjegatur tiegħek irid jorganizza x-xogħol tiegħek
- b'mod li jippermettilek tirritorna għal wieħed mill-postijiet imsemmija fit-taqsima preċedenti (punti 1. u 2.), fil-ġimgħa ta' wara tal-perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħuda bħala kumpens;
- Il-kumpens irid jittieħed immedjatament qabel il-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa fil-ġimgħa ta' wara.



## Interruzzjonijiet tal-laneċ/tal-ferroviji

Perjodu ta' mistrieħ regolari ta' kuljum jew perjodu ta' mistrieħ imnaqqas ta' kull ġimgħa jista' jiġi interrott jekk tkun qed takkumpanja vettura ttrasportata bil-laneċ jew bil-ferroviji.

- Inti permess massimu ta' żewġ interruzzjonijiet, għal mhux aktar minn siegħa ta' durata totali.

Matul dan il-perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, irid ikollok aċċess għal kabina tal-irqad, sodda jew couchette.

Din l-eċċezzjoni tapplika biss għal perjodi regolari ta' mistrieħ kull ġimgħa jekk il-vjaġġ ikun skedat għal mill-inqas 8 sigħat u s-sewwieq ikollu aċċess għal kabina tal-irqad.

**Ma tistax tqatta' parti mill-mistrieħ regolari tiegħek fil-ġimgħa fil-vettura qabel l-imbark u/jew wara l-iżbark mill-lanċa/ferrovija.**

2022.1924_MT.indd 4-6 11/8/22 11:51